

# Il-Bieb tal-Ħniena

Maria Grima

Kemm hi kbira dik l-Imħabba
Li Int għandek għall-bnedmin,
Wisq u wisq nobbli l-Qalb Tiegħek
Int tassew Missier Ħanin!

Bla qies huma l-attributi
L'Int għandek, għażiż Mulej,
L-aqwa fosthom hija l-Ħniena
Tal-Qalb Tiegħek, O Feddej!

O Mulej, x'inhuwa l-bniedem?
Xi sbuħija Int rajt fih?
Tajtu l-ħajja, b'Ibnek fdejtu
U għamilt kollox għalih!

Wisq kbira hija Ħnientek
Qalbek hija Oċean,
Ta' ħlewwa, maħfra, u imħabba
Għax tal-qlub Inti s-Sultan!

Hekk ifisser Bieb il-Ħniena
Li nfetaħ f'dan il-Ġublew,
Qed jgħidilna sabiex nagħrfu
Kemm Alla hu Kbir tassew.

Qalb Ġesù hi Bieb il-Ħniena
Miftuħa beraħ fuq Salib,
Fejn ġo fiha żgur kull bniedem
Ħniena u maħfra żgur isib.

Mill-Ħniena nfinita Tiegħek
Ixħet fuqna kull barkiet,
Għinna nindmu, u għandek niġu
Sabiex taħfrilna d-dnubiet!

Jien ngħejja nitlob maħfra
Għax jien dgħajfa bħal kulħadd,
Waqt li Int, O Alla tiegħi
Li taħfer, żgur, ma tgħejja qatt!

Ejjew nidħlu mill-Bieb tal-Ħniena
U ma noħorġu minnu qatt,
Ejjew naħfru f'Isem Kristu
Ejja nħobbu lil kulħadd!

**Nota Editorjali**

Wieħed mit-tliet Bibien tal-Ħniena fid-Djoċesi ta' Malta jinsab fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa. Dan infetaħ minn Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna nhar il-Ħadd 27 ta' Diċembru 2015, festa tal-Familja Mqaddsa u l-Jum Ġubilari tal-Familja. L-Arċisqof iċċelebra quddiesa fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa, u wara pellegrinaġġ qasir fetaħ il-Bieb tal-Ħniena f'dan is-Santwarju Marjan.